

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 81



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

23 ta' Marzu 2018

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/480 tal-4 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar strumenti finanzjarji derivattivi li jaqdu biss skopijiet ta' ħħeġġjar, tul suffiċjenti ta' haggiet il-fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil, kriterji ta' valutazzjoni tas-suq għal xerrejja potenzjali u l-valwazzjoni tal-assi li għandhom jiġu ċeduti, u t-tipi u l-karatteristiċi tal-faċilitajiet disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/481 tal-21 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd** 6
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/482 tat-22 ta' Marzu 2018 dwar il-prezz massimu għax-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat għall-ewwel sejħa individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tal-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/154
 8- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/483 tat-22 ta' Marzu 2018 dwar il-prezz minimu għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għat-tmintax-il sejħa parzjali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2080
 9

DIRETTIVI

- ★ **Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/484 tal-21 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 93/49/KEE fir-rigward ta' rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-materjal ta' propagazzjoni ta' ċerti ġeneri jew speċi ta' *Palmae* fir-rigward tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier)** 10

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/485 tad-19 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud	13
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/486 tad-19 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud	15
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/487 tal-20 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank	17
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/488 tal-20 ta' Marzu 2018 li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	19
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/489 tal-21 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/675 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija u mit-Tuneżija (notifikata bid-dokument C(2018) 1604) ⁽¹⁾	20
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/490 tal-21 ta' Marzu 2018 li tħassar id-Deċiżjoni 2007/365/KE dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tar-Rhynchophorus ferrugineus (Olivier) (notifikata bid-dokument C(2018) 1607)	22
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/491 tal-21 ta' Marzu 2018 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2018) 1634)	23
★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/492 tat-22 ta' Marzu 2018 li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino	25
★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/493 tat-22 ta' Marzu 2018 li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra	45
★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/494 tat-22 ta' Marzu 2018 li temenda l-Anness A tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco	65
★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/495 tat-22 ta' Marzu 2018 li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan	77
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/496 tat-22 ta' Marzu 2018 dwar l-istabbiliment tal-lista annwali ta' prijoritajiet għall-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-netwerk u l-linji gwida għall-2018 ⁽¹⁾	83

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/480

tal-4 ta' Diċembru 2017

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar strumenti finanzjarji derivattivi li jaqdu biss skopijiet ta' ħħeġġjar, tul suffiċjenti ta' ħajjiet il-fondi ta' investment Ewropej fuq terminu twil, kriterji ta' valutazzjoni tas-suq għal xerrejja potenzjali u l-valwazzjoni tal-assi li għandhom jiġu ċeduti, u t-tipi u l-karatteristiċi tal-faċilitajiet disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fondi ta' investment Ewropej fuq terminu twil ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 18(7), l-Artikolu 21(3) u l-Artikolu 26(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex ikun żgurat approċċ komuni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/760, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jspecifikaw il-kriterji biex jiġu stabbiliti ċ-ċirkostanzi li fihom l-użu ta' strumenti finanzjarji derivattivi jservi unikament finijiet ta' ħħeġġjar, iċ-ċirkostanzi li fihom il-ħajja ta' fondi ta' investment Ewropej fuq terminu twil ("ELTIF") titqies bħala twila biżżejjed, il-kriterji li għandhom jintużaw għal ċerti elementi tal-iskeda ddetaljata għad-disponiment ordnat tal-assi tal-ELTIF u l-faċilitajiet disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur.
- (2) Biex tiġi żgurata koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess faċli għal dawk id-dispożizzjonijiet, huwa xieraq li l-istandards tekniċi regolatorji kkonċernati jiġu adottati f'Regolament wieħed.
- (3) Fir-rigward taċ-ċirkostanzi li fihom l-użu ta' strumenti finanzjarji derivattivi jservi unikament l-iskop li jiġu ħħeġġjati r-riskji inerenti għall-investimenti ta' ELTIF, huwa neċessarju li jitqiesu strumenti derivattivi finanzjarji li s-sottostanti tagħhom ikun jikkorrispondi mal-assi li l-ELTIF ikun investa fihom, u li l-esponimenti tagħhom ikunu maħsuba biex jiġu koperti, kif ukoll tranżazzjonijiet f'assi li, għalkemm ma jkunx l-istess bħala dawk li l-ELTIF ikun investa fihom, ikunu jirrigwardaw l-istess klassi ta' assi. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta ma jkunx disponibbli strument finanzjarju derivattiv biex jiġi ħħeġġjat esponiment ta' element speċifiku bħala tip ta' derivattiv apposta, iżda pjuttost bħala element fost elementi oħra inklużi f'indiċi li huwa s-sottostanti ta' strument finanzjarju derivattiv. Barra minn hekk, l-użu ta' strumenti finanzjarji derivattivi jista' f'xi każijiet jikkostitwixxi strateġija ta' ħħeġġjar biss jekk isir f'kombinazzjoni ma' negozju f'xi assi, liema tip ta' strateġija jenħtieġ li ma tiġix ipprojbita. Sabiex ikun żgurat li l-użu ta' strumenti finanzjarji derivattivi jaqdi biss l-iskop li jiġu ħħeġġjati r-riskji inerenti għall-investimenti tal-ELTIF, il-maniġer tal-ELTIF għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli biex jiżgura li l-istrumenti finanzjarji derivattivi użati effettivament inaqqsu r-riskju rilevanti fil-livell tal-ELTIF u jkun wkoll effiċjenti f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress. It-tnaqqis tar-riskju għandu jkun verifikabbli permezz tal-użu ta' sistemi adegwati tal-ġestjoni tar-riskji li jidentifikaw ir-riskju maħsub biex jiġi mitigat u l-mod li bih id-derivattiv itaffi dan ir-riskju.

⁽¹⁾ ĠUL 123, 19.5.2015, p. 98.

- (4) F'sitwazzjonijiet fejn ELTIF jinvesti f'assi li jkollhom profili ta' maturità differenti, il-ħajja tal-ELTIF għandha tiġi stabbilita b'referenza għal dak l-assi individwali fil-portafoll tal-ELTIF li jkollu l-itwal orizzont tal-investment b'kunsiderazzjoni għal-likwidità ta' dak l-assi.
- (5) Il-valutazzjoni tas-suq għal xerrejja potenzjali li għandhom jiġu inklużi fl-iskeda għad-disponiment ordnat tal-assi tal-ELTIF għandha tqis ir-riskji tas-suq inkluż jekk ix-xerrejja potenzjali humiex tipikament dipendenti fuq il-ksib ta' self minn partijiet terzi, jekk hemmx ir-riskju ta' nuqqas ta' likwidità tal-assi qabel il-bejgħ, jekk hemmx riskji assoċjati ma' bidliet leġiżlattivi, bħal riformi fiskali, jew bidliet politiċi u jekk hemmx riskju ta' deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika fis-suq li huwa rilevanti għall-assi tal-ELTIF. L-ebda valutazzjoni speċifika ta' dawk ir-riskji ma għandha tintalab skont dan ir-Regolament għall-assi oħra għajr assi ta' investment eliġibbli billi l-assi msemmija fl-Artikolu 50(1) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, huma mistennija li jkunu likwidi fin-natura tagħhom.
- (6) Il-valwazzjoni tal-assi li għandhom jiġu inklużi fl-iskeda għad-disponiment ordnat tal-assi tal-ELTIF għandha ssir f'mument fiż-żmien li jkun qrib biżżejjed tal-bidu tal-perjodu tad-disponiment tal-assi. Madankollu, jekk l-ELTIF ikun wettaq stima skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ f'mument li jkun qrib biżżejjed tal-bidu tal-perjodu ta' disponiment tal-assi, valutazzjoni addizzjonali ma tkunx meħtieġa. Minkejja dan, it-tlestija tal-iskeda għad-disponiment ordnat tal-assi tal-ELTIF għandha tibda hekk kif ikun xieraq u ferm qabel iż-żmien allokat għad-divulgazzjoni tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-ELTIF.
- (7) Il-faċilitajiet li għandhom ikunu disponibbli għal investituri fil-livell tal-konsumatur f'kull Stat Membru fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni mill-manijer tal-ELTIF jistgħu jitwettqu minn entità waħda jew aktar wiċċ imb'wiċċ, bit-telefon jew elettronikament, li tista' tkun il-manijer tal-ELTIF jew entità oħra suġġetta għal regolamentazzjoni li tirregola l-kompiti fdati lilha mill-manijer tal-ELTIF.
- (8) Sabiex jiġi evitat kull tfixkil potenzjali tas-suq, huwa neċessarju li l-ELTIFs li ġew awtorizzati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-manijers tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw ruħhom għar-reqwiziti li jinsabu f'dan ir-Regolament.
- (9) Id-dispożizzjonijiet dwar it-tul suffiċjenti tal-ħajja tal-ELTIF jenħtieġ li jiġu applikati biss minn ELTIFs li jippreżentaw applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament billi, skont ir-Regolament (UE) 2015/760, it-tul tal-ħajja tal-ELTIF irid jiġi stabbilit saż-żmien meta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala ELTIF issir għand l-awtorità kompetenti tal-ELTIF.
- (10) Sabiex tingħata l-possibilità lill-awtoritajiet kompetenti u l-manijers tal-ELTIFs awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2015/760 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament biex jadattaw għar-reqwiziti l-ġodda li jinsabu f'dan ir-Regolament, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Ir-reqwizit dwar it-tul suffiċjenti tal-ħajja tal-ELTIF huwa meqjus bħala ssodisfat skont dan ir-Regolament mill-ELTIFs diġà awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2015/760 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (11) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.
- (12) L-ESMA organizzat konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾,

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)(ĠU L 301, 17.11.2009, p. 32).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Manijers ta' Fondi ta' Investment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Derivattivi għall-iħħeġġjar

1. Iċ-ċirkostanzi li fihom l-użu ta' strumenti finanzjarji derivattivi għandu jitqies li jservi biss l-iskop li jiġu ħħeġġjati r-riskji inerenti għal investimenti oħrajn tal-fond ta' investiment Ewropew fuq terminu twil ("ELTIF") kif imsemmi fl-Artikolu 9(2)(d) tar-Regolament (UE) 2015/760 huma ssodisfati meta dawn jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Strument finanzjarju derivattiv għandu jintuża biss biex jiġu ħħeġġjati r-riskji li jirriżultaw minn esponimenti għal assi msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2015/760.

L-iskop li jiġu ħħeġġjati r-riskji tal-valuta li jirriżultaw minn esponimenti għal assi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jitqies li ġie ssodisfat meta l-użu ta' dak l-istrument finanzjarju derivattiv jirriżulta fi tnaqqis verifikabbli u li jista' jitkejjel oġġettivament ta' dawk ir-riskji fuq il-livell tal-ELTIF.

Fejn l-istrumenti finanzjarji derivattivi biex jiħħeġġjaw ir-riskji li jirriżultaw mill-espożizzjoni għall-assi msemmijin fl-ewwel subparagrafu ma jkunux disponibbli, jistgħu jintużaw strumenti derivattivi finanzjarji b'sottostanti tal-istess klassi ta' assi.

3. L-użu ta' strumenti derivattivi finanzjarji bl-għan li jipprovdu redditu għall-ELTIF ma għandux jitqies li jservi l-iskop li jiġu ħħeġġjati r-riskji.

4. Il-maniġer tal-ELTIF għandu jieħu l-passi raġonevoli kollha biex jiżgura li l-istrumenti finanzjarji derivattivi użati biex jiġu ħħeġġjati r-riskji inerenti għal investimenti oħrajn tal-ELTIF inaqqsu r-riskji fuq il-livell tal-ELTIF f'konformità mal-paragrafu 2, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress fis-suq.

Artikolu 2

Tul suffiċjenti ta' ħajjet l-ELTIF

Għall-fini tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2015/760, il-ħajja tal-ELTIF għandha titqies bħala twila biżżejjed biex tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull assi individwali tal-ELTIF, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-ELTIF jallinja d-data ta' tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, mad-data ta' tmiem l-orizzont tal-investiment tal-assi individwali fil-portafoll tal-assi tal-ELTIF li jkollu l-itwal orizzont ta' investiment fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bħala ELTIF għand l-awtorità kompetenti tal-ELTIF;
- kull investiment magħmul minn ELTIF wara l-awtorizzazzjoni tiegħu bħala ELTIF ma jkollux orizzont ta' investiment residwu li jaqbeż il-bqija tal-ħajja tal-ELTIF fil-waqt meta jsir l-investiment.

Artikolu 3

Il-kriterji għall-valutazzjoni tas-suq għal xerrejja potenzjali

Għall-fini tal-Artikolu 21(2)(a) tar-Regolament (UE) 2015/760, il-maniġer ta' ELTIF għandu jivvaluta l-elementi kollha li ġejjin b'rabta ma' kull assi li l-ELTIF jinvesti fih:

- jekk ikunx preżenti fis-suq xerrejja potenzjali wieħed jew aktar;
- jekk il-maniġer tal-ELTIF, ibbażat fuq valutazzjoni mwettqa b'kapaċità, kura u diliġenza dovuta fiż-żmien tat-tlestija tal-iskeda, jistenniex lix-xerrejja potenzjali jkun jiddependu minn finanzjament estern għax-xiri tal-assi rilevanti;
- fejn ma jkunx hemm xerrejja potenzjali għal assi, it-tul ta' żmien li x'aktarx ikun meħtieġ biex jinstab xerrej wieħed jew aktar għal dak l-assi;
- il-profil tal-maturità speċifiku tal-assi;

- (e) jekk il-maniġer tal-ELTIF, ibbażat fuq valutazzjoni mwettqa b'kapaċità, kura u diliġenza dovuta fi żmien it-tlestija tal-iskeda, jistennix li jimmaterializzaw ir-riskji li ġejjin:
- (i) riskju marbut ma' bidliet leġiżlattivi li jistgħu jaffettwaw is-suq għal xerrejja potenzjali;
 - (ii) riskju politiku li jista' jaffettwa s-suq għal xerrejja potenzjali;
- (f) Il-valutazzjoni tal-maniġer ta' jekk l-elementi elenkati fil-punti (a) u (b) jistgħux jiġu affettwati ħażin matul il-perjodu tad-disponiment mill-kundizzjonijiet ekonomiċi ġenerali fis-suq jew fis-swieq rilevanti għall-assi.

Artikolu 4

Il-kriterji għall-valwazzjoni tal-assi li għandhom jiġu ċeduti

1. Għall-fini tal-Artikolu 21(2)(c) tar-Regolament (UE) 2015/760, il-valwazzjoni tal-assi li kellhom ikunu ċeduti għandha tikkonforma mal-kriterji li ġejjin:
 - (a) hija għandha tibda hekk kif ikun xieraq u ferm qabel l-iskadenza għad-divulgazzjoni tal-iskeda ddetaljata għad-disponiment ordnat tal-assi tal-ELTIF lill-awtorità kompetenti tal-ELTIF;
 - (b) hija għandha tiġi konkluża mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data tal-għeluq imsemmija fil-punt (a).
2. Stimi magħmula skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE jistgħu jitqiesu jekk valwazzjoni tkun ġiet konkluża mhux iktar minn sitt xhur qabel id-data tal-għeluq imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Speċifikazzjonijiet dwar il-faċilitajiet disponibbli għal investituri fil-livell tal-konsumatur

1. Għall-fini tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2015/760, il-maniġer tal-ELTIF għandu jstabilixxi faċilitajiet li jwettqu l-kompiti li ġejjin:
 - (a) jipproċessaw l-ordnijiet tal-investituri fil-livell tal-konsumatur ta' abbonament, riakkwist u rimbors relatati mal-unitajiet jew l-ishma tal-ELTIF, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dokumenti tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ELTIF;
 - (b) jipprovdu lill-investituri fil-livell tal-konsumatur b'informazzjoni dwar kif l-ordnijiet imsemmija fil-punt (a) jistgħu jsiru u kif jitħallas ir-rikavat mir-riakkwist u mir-rimbors;
 - (c) jiffaċilitaw it-trattament ta' informazzjoni relatata mal-eżerċizzju min-naħa tal-investituri fil-livell tal-konsumatur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mill-investment tagħhom fl-ELTIF fl-Istat Membru fejn l-ELTIF huwa kkummerċjalizzat;
 - (d) jagħmlu dawn li ġejjin disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur għall-ispezzjoni u biex jiksbu kopji:
 - (i) ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-ELTIF;
 - (ii) L-aktar rapport annwali riċenti tal-ELTIF;
 - (e) jipprovdu lill-investituri b'informazzjoni rilevanti għall-kompiti li jwettqu f'mezz durabbli kif definit fl-Artikolu 2(1)(m) tad-Direttiva 2009/65/KE.
2. Il-maniġer tal-ELTIF għandu jiżgura li l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2015/760 ikollhom l-infrastruttura teknika li ġejja:
 - (a) huma jwettqu l-kompiti tagħhom fil-lingwa uffiċjali jew fil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn l-ELTIF ikun ikkummerċjalizzat;
 - (b) huma jwettqu l-kompiti tagħhom personalment, bit-telefon jew elettronikament.
3. Il-maniġer ta' ELTIF għandu jiżgura li l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2015/760 ikunu tat-tipi li ġejjin u jkollhom il-karatteristiċi tekniċi li ġejjin:
 - (a) ikunu mwettqa minn entità waħda jew aktar li huma jew il-maniġer tal-ELTIF jew entità terza soġġetta għar-regoli li jirregolaw il-kompiti li għandhom jitwettqu;

- (b) fejn il-faċilitajiet ikunu mwettqa minn entità terza, din tal-aħħar tirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti kollha rilevanti mingħand il-maniġer tal-ELTIF.
- (c) fejn il-faċilitajiet ikunu mwettqa minn entità terza, il-ħatra tal-entità tiġi evidenzjata permezz ta' kuntratt bil-miktub. Il-kuntratt bil-miktub għandu jispeċifika liema mill-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 ma jitwettqux mill-maniġer tal-ELTIF.

Artikolu 6

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

ELTIFs awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2015/760 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

ELTIFs awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2015/760 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1, 3, 4 u 5 ta' dan ir-Regolament minn 1 ta' Mejju 2019.

Artikolu 7

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/481**tal-21 ta' Marzu 2018****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ⁽³⁾ stabbilixxa r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni u fissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.
- (2) Minn kontroll regolari tad-dejta, li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li jenħtieġ li jiġu emendati l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġi emendat skont dan.
- (4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali**Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 150, 20.5.2014, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠUL 145, 29.6.1995, p. 47).

ANNEX

“ANNEX I

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (f'EUR/100 kg)	Oriġni ⁽¹⁾
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 70 %, iffriżati	103,6	0	AR
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 65 %, iffriżati	127,4 154,1	0 0	AR BR
0207 14 10	Qatgħat tas-sriedaq jew tat-tiġieġ, mingħajr għadam, iffriżati	244,2 225,0 320,2 233,5	17 23 0 20	AR BR CL TH
0207 27 10	Qatgħat tad-dundjani, mingħajr għadam, iffriżati	327,6 303,4	0 0	BR CL
0408 91 80	Bajd, immnixxef, mingħajr qoxra	368,4	0	AR
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin tas-sriedaq u tat-tiġieġ	240,9	14	BR

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7).”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/482**tat-22 ta' Marzu 2018****dwar il-prezz massimu għax-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat għall-ewwel sejħa individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tal-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/154**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/154 ⁽²⁾ fetaħ ix-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tal-offerti għall-perjodu mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru 2018, skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 ⁽³⁾.
- (2) Abbażi tal-offerti li waslu bi tweġiba għas-sejħiet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz massimu għax-xiri sfurzati jew għandha tiddeċiedi li ma tiffissax prezz massimu għax-xiri sfurzati, f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1240.
- (3) Fid-dawl tal-offerti li saru b'risposta għall-ewwel sejħa individwali għall-offerti, ma jenhtiegħ li jiġi ffissat prezz massimu għax-xiri sfurzati.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-ewwel sejħa individwali għall-offerti għax-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/154, li għaliha d-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-offerti skadiet fl-20 ta' Marzu 2018 l-ebda prezz massimu għax-xiri sfurzati ma għandu jiġu stabbilit.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Jerzy PLEWA**Direttur Ġenerali**Direttorat Ġenerali għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali*⁽¹⁾ ĠUL 346, 20.12.2013, p. 12.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/154 tat-30 ta' Jannar 2018 li jiftaħ proċedura għall-offerti għax-xiri ta' trab tal-ħalib xkumat matul il-perjodu ta' intervent pubbliku mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru 2018 (ĠU L 29, 1.2.2018, p. 6).⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' intervent pubbliku u ta' għajnunha għall-ħżin privat (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 71).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/483**tat-22 ta' Marzu 2018****dwar il-prezz minimu għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għat-tmintax-il sejħa parzjali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2080**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 tat-18 ta' Mejju 2016 li jstabilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' intervent pubbliku u ta' għajnuna għall-ħżin privat ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2080 ⁽³⁾ fetaħ il-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti.
- (2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għat-tmintax-il stedina għall-offerti parzjali, għandu jiġi ffixxat prezz minimu tal-bejgħ.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agricoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għat-tmintax-il sejħa parzjali għall-offerti għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat fil-kuntest tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2080, illi fir-rigward tagħha l-perjodu meta l-offerti kellhom jintefgħu ntemm fl-20 ta' Marzu 2018, il-prezz minimu tal-bejgħ għandu jkun ta' EUR 105,00/100 kg.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni,**Fisem il-President,**Jerzy PLEWA**Direttur Ġenerali**Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 206, 30.7.2016, p. 71.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2080 tal-25 ta' Novembru 2016 dwar il-ftuħ tal-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti (ĠUL 321, 29.11.2016, p. 45).

DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/484

tal-21 ta' Marzu 2018

li temenda d-Direttiva 93/49/KEE fir-rigward ta' rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-materjal ta' propagazzjoni ta' ċerti ġeneri jew speċi ta' *Palmae* fir-rigward tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentalni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) instab f'haġna mit-territorji mhedda fl-Unjoni u ġie konkluż li dan l-organiżmu ta' ħsara issa huwa magħruf li jokkorri f'parti sostanzjali tat-territorju tal-Unjoni. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/365/KE ⁽²⁾ dwar miżuri ta' emerġenza fir-rigward tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) tħassret bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/490 ⁽³⁾.
- (2) Ir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) joħloq ħsara serja lill-pjanti tal-ispeċi ospitanti li ġejjin mill-familja tal-*Palmae*, ħlief lill-pjanti bid-dijametru taz-zokk fil-bażi ta' inqas minn 5 cm.
- (3) Dawk il-pjanti jinsabu f'haġna partijiet tal-Unjoni fejn jiġihawlu f'ammonti kbar għal finijiet ornamentalni u huma ta' importanza kbira ambjentali u ekonomika.
- (4) Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu stipulati rekwiżiti speċifiċi biex tiġi żgurata l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni ta' ċerti ġeneri u speċi ta' *Palmae*, li huma kummerċjalizzati ta' spiss fl-Unjoni u li huma f'riskju li jiġu infettati minn dak l-organiżmu ta' ħsara jekk it-tali rekwiżiti ma jiġux sodisfatti. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jinkludu kundizzjonijiet speċifiċi dwar it-tkabbir jew it-ttrattament ta' dak il-materjal, kif ukoll il-kundizzjoni li jkun ħieles mir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier).
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 93/49/KEE ⁽⁴⁾ tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda tad-Direttiva tal-Kummissjoni 93/49/KEE

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/49/KEE hija emendata kif ġej:

- (1) Jiżdied l-Artikolu 3a li ġej:

“Artikolu 3a

Il-materjal tal-propagazzjoni tal-*Palmae* ġej mill-ġeneri u l-ispeċi msemmija fl-Anness u li għandhom dijametru taz-zokk fil-bażi ta' iktar minn 5 cm, għandu jikkonforma ma' wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) għandu jkun tkabbar haġtu kollha f'żona li tkun ġiet stabbilita ħielsa mir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) mill-korp uffiċjali responsabbli skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji;

⁽¹⁾ ĠUL 226, 13.8.1998, p. 16.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/365/KE tal-25 ta' Mejju 2007 dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) (ĠUL 139, 31.5.2007, p. 24).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/490 tal-21 ta' Marzu 2018 li tħassar id-Deċiżjoni 2007/365/KE dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) (ara l-paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/49/KEE tat-23 ta' Ġunju 1993 li tistabbilixxi l-iskeda li tindika l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu milħuqa mill-materjal propagattiv ta' pjanti ornamentalni u mill-pjanti ornamentalni permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 91/682/KEE (ĠUL 250, 7.10.1993, p. 9).

- (b) għandu jkun tkabbar fis-sentejn qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu f'sit fl-Unjoni bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier), jew f'sit fl-Unjoni fejn ikunu ġew applikati kif xieraq it-trattamenti ta' prevenzjoni fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara. Għandu jkun soġġett għal spezzjonijiet viżivi mwettqa mill-inqas darba kull erba' xhur, li jikkonfermaw dak il-materjal ħieles mir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier).

Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar iż-żoni protetti adottati skont il-punt (h) tal-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2000/29/KE"

- (2) L-Anness huwa emendat skont l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

- (1) L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, meta jiġu ppubblikati uffiċjalment dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

- (2) L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fl-Anness, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata "Narcissus L." fit-tabella:

Genus jew speċi	Organiżmi ta' ħsara u ta' mard speċifiċi
<p>— Palmae, fir-rigward tal-ġeneri u l-ispeċi li ġejjin</p> <p>— <i>Areca catechu</i> L.</p> <p>— <i>Syagrus romanzoffiana</i> (Cham.) Glassman</p> <p>— <i>Arenga pinnata</i> (Wurmb) Merr.</p> <p>— <i>Bismarckia</i> Hildebr. & H.Wendl.</p> <p>— <i>Borassus flabellifer</i> L.</p> <p>— <i>Brahea armata</i> S. Watson</p> <p>— <i>Brahea edulis</i> H.Wendl.</p> <p>— <i>Butia capitata</i> (Mart.) Becc.</p> <p>— <i>Calamus merrillii</i> Becc.</p> <p>— <i>Caryota maxima</i> Blume</p> <p>— <i>Caryota cumingii</i> Lodd. ex Mart.</p> <p>— <i>Chamaerops humilis</i> L.</p> <p>— <i>Cocos nucifera</i> L.</p> <p>— <i>Corypha utan</i> Lam.</p> <p>— <i>Copernicia</i> Mart.</p> <p>— <i>Elaeis guineensis</i> Jacq.</p> <p>— <i>Howea forsteriana</i> Becc.</p> <p>— <i>Jubaea chilensis</i> (Molina) Baill.</p> <p>— <i>Livistona australis</i> C. Martius</p> <p>— <i>Livistona decora</i> (W. Bull) Dowe</p> <p>— <i>Livistona rotundifolia</i> (Lam.) Mart.</p> <p>— <i>Metroxylon sagu</i> Rottb.</p> <p>— <i>Roystonea regia</i> (Kunth) O.F. Cook</p> <p>— <i>Phoenix canariensis</i> Chabaud</p> <p>— <i>Phoenix dactylifera</i> L.</p> <p>— <i>Phoenix reclinata</i> Jacq.</p> <p>— <i>Phoenix roebelenii</i> O'Brien</p> <p>— <i>Phoenix sylvestris</i> (L.) Roxb.</p> <p>— <i>Phoenix theophrasti</i> Greuter</p> <p>— <i>Pritchardia</i> Seem. & H.Wendl.</p> <p>— <i>Ravenea rivularis</i> Jum. & H.Perrier</p> <p>— <i>Sabal palmetto</i> (Walter) Lodd. ex Schult. & Schult.f.</p> <p>— <i>Trachycarpus fortunei</i> (Hook.) H. Wendl.</p> <p>— <i>Washingtonia</i> H. Wendl.</p>	<p>Insetti, miti u nematodi fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom</p> <p>— <i>Rhynchophorus ferrugineus</i> (Olivier)"</p>

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/485

tad-19 ta' Marzu 2018

li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-21 ta' Novembru 2017, skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, id-Danimarka talbet awtorizzazzjoni biex tapplika miżura speċjali li tirregola d-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input, li tidderoga mill-Artikolu 75 ta' dik id-Direttiva.
- (2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, permezz ta' ittri datati 7 ta' Diċembru 2017 u 8 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ttrażmettiet it-talba mressqa mid-Danimarka lill-Istati Membri l-oħra u, permezz ta' ittra datata 11 ta' Diċembru 2017, innotifikat lid-Danimarka li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (3) Mingħajr miżura ta' deroga, il-leġiżlazzjoni fid-Danimarka tipprevedi li jekk vettura kummerċjali ħafifa ta' piż totali massimu awtorizzata ta' tliet tunnelli tkun rreġistrata mal-awtoritajiet Daniżi għall-użu għal skopijiet tan-negozju biss, il-persuna taxxabli tkun tista' tnaqqas il-VAT tal-input kollu fuq il-prezz tax-xiri u l-ispejjeż operazzjonali tal-vettura. Jekk tali vettura sussegwentement tintuża għal skopijiet privati, il-persuna taxxabli titlef id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT imħallsa fuq il-prezz tax-xiri tal-vettura.
- (4) Sabiex jittaffew il-konsegwenzi ta' dak ir-reġim, id-Danimarka talbet awtorizzazzjoni biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE. Id-deroga ingħatat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/447/UE ⁽²⁾ u sussegwentement bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/992 ⁽³⁾. Din l-aħħar Deċiżjoni skadiet fil-31 ta' Diċembru 2017.
- (5) Permezz ta' din il-miżura, persuni taxxabli li jkunu rreġistraw vettura biss għal skopijiet tan-negozju jkunu jistgħu jużaw il-vettura għal skopijiet privati, u jkunu jistgħu jikkalkulaw l-ammont taxxabli tal-forniment preżunt ta' servizzi skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE abbażi ta' rata fissa ta' kuljum, mingħajr ma jitlef d-dritt tagħhom li jnaqqsu l-VAT imħallsa fuq il-prezz tax-xiri tal-vettura.
- (6) Madankollu, jenħtieġ li dan il-metodu ta' kalkolu ssimplifikat ikun limitat għal 20 jum ta' użu għal skopijiet privati għal kull sena kalendarja, u l-ammont b'rata fissa tal-VAT li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun iffissat għal DKK 40 għal kull jum ta' użu għal skopijiet privati. Dan l-ammont ġie ffissat mill-Gvern Daniż abbażi ta' analiżi ta' statistika nazzjonali.
- (7) Din il-miżura, li jenħtieġ li tapplika għal vetturi kummerċjali ħfief b'piż totali massimu awtorizzata ta' tliet tunnelli, għandha l-għan li tissimplifika l-obbligi tal-VAT tal-persuni taxxabli li kultant jagħmlu użu għal skopijiet privati ta' vettura li kienet irreġistrata biss għal skopijiet tan-negozju, u b'hekk tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-kollezzjoni tal-VAT. Madankollu, jibqa' possibbli li persuna taxxabli tagħżel li tirreġistra vettura kummerċjali ħafifa għall-użu kemm għall-skopijiet tan-negozju kif ukoll għal dawk privati. Meta tagħmel hekk, il-persuna taxxabli titlef id-dritt li tnaqqas il-VAT imħallsa fuq il-prezz tax-xiri tal-vettura iżda ma jkollhiex l-obbligu li tħallas imposta ta' kuljum għal xi użu għal skopijiet privati.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/447/UE tal-24 ta' Lulju 2012 li tawtorizza lid-Danimarka sabiex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 202, 28.7.2012, p. 24).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/992 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tawtorizza lid-Danimarka sabiex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 66).

- (8) L-awtorizzazzjoni ta' miżura li tiżgura li persuna taxxabbli li tagħmel użu okkażżjonali għal skopijiet privati ta' vettura rreġistrata biss għal skopijiet tan-negozju ma tkunx imċaħħda għalkollox mid-dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input fuq dik il-vettura hija konsistenti mar-regoli ġenerali dwar tnaqqis kif stipulati bid-Direttiva 2006/112/KE.
- (9) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tkun valida għal perjodu limitat u għaldaqstant jenħtieġ li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (10) Sabiex ikun żgurat li l-oġġettivi ta' din il-miżura jinkisbu, inkluż li tiġi żgurata l-applikazzjoni mingħajr interruzzjoni tad-deroga awtorizzata preċedentement u li jkun hemm ċertezza legali fil-perjodu tat-taxxa, huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2018. Billi d-Danimarka talbet it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni fil-21 ta' Novembru 2017 u baqgħet tapplika r-reġim legali stabbilit fil-liġi nazzjonali tagħha abbażi tad-deroga awtorizzata preċedentement mill-1 ta' Jannar 2018, l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati huma debitament rispettati.
- (11) Fil-każ li d-Danimarka titlob estensjoni oħra tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li tressaq rapport lill-Kummissjoni flimkien mat-talba għal estensjoni sal-31 ta' Marzu 2020.
- (12) Huwa meqjus li d-deroga jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont totali tad-dħul mill-VAT miġbur fl-istadju tal-konsum finali u ma jkollhiex effetti negattivi fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE, meta persuna taxxabbli tuża vettura kummerċjali ħafifa, li tkun ġiet irreġistrata għall-użu esklużiv tan-negozju, għal skopijiet privati, jew dawk tal-impjegati tagħha, jew b'mod iktar ġenerali għal skopijiet oħra li mhumiex dawk tan-negozju tagħha, id-Danimarka hija awtorizzata li tiddetermina l-ammont taxxabbli b'referenza għal rata fissa għal kull jum tat-tali użu.

Ir-rata fissa kull jum imsemmija fl-ewwel paragrafu għandha tkun ta' DKK 40.

Artikolu 2

Il-miżura msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi applikata biss fil-każ ta' vetturi kummerċjali ħfief b'piż totali massimu awtorizzati ta' tliet tunnelli.

Din il-miżura ma għandhiex tapplika fejn l-użu għal skopijiet privati jaqbeż l-20 jum kull sena kalendarja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha issir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Kull talba għal estensjoni tal-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2020 u għandha tiġi akkumpanjata b'rapport li jinkludi reviżjoni tal-miżura.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

R. PORODZANOV

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/486**tad-19 ta' Marzu 2018****li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi li persuna taxxabli li tforni merkanzija jew servizzi, bħala regola ġenerali, hija responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.
- (2) Sabiex tikkumbatti l-frodi tal-VAT fis-settur tal-aġenziji tal-impjegati temporanji, fl-2014 l-Ungerija talbet l-awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE li tipprevdi li, għall-provvisti ta' persunal involut f'attivitajiet għajr dawk koperti mill-punt (a) tal-Artikolu 199(1) ta' dik id-Direttiva, il-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabli li lilha ssir il-provvista (il-mekkaniżmu tar-reverse charge). L-awtorizzazzjoni nġhatat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2349 ⁽²⁾ u skadiet fil-31 ta' Diċembru 2017.
- (3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-26 ta' Ġunju 2017, l-Ungerija talbet awtorizzazzjoni biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tagħmel ir-riċevitur responsabbli għall-ħlas tal-VAT għall-provvista tal-persunal.
- (4) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, permezz ta' ittra datata 11 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ttrażmettiet it-talba mressqa mill-Ungerija lill-Istati Membri l-oħra. Permezz ta' ittra datata 12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ungerija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tqis it-talba.
- (5) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Ungerija, għadd ta' kummerċjanti fis-settur tal-aġenziji tal-impjegati temporanji huma involuti f'attivitajiet frodulenti billi jipprovdu servizzi mingħajr ma jħallu l-VAT applikabbli lill-awtoritajiet tat-taxxa. Peress li dan it-tip ta' attività ma jirrikjedix neċessarjament spejjeż ta' input jew investimenti kbar, il-VAT li dawn l-aġenziji jirċievu spiss jisboq sewwa l-VAT deduċibbli li jkunu ħallsu lill-fornituri tagħhom. Għadd ta' dawn l-aġenziji, li spiss ikollhom f'it jew xejn assi, sussegwentement jisparixxu wara biss f'it xhur, u l-irkupru tal-VAT mhux imħallas isir diffiċli jew impossibbli.
- (6) Bid-deżinjazzjoni tal-persuna li lilha jingħataw tali servizzi bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT f'dawn il-każijiet, id-deroga telimina l-opportunità għall-involvement f'dik il-forma ta' evażjoni tat-taxxa. L-Ungerija sostniet li wara l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvista tal-persunal fl-Ungerija, l-għadd ta' aġenziji tal-impjegati naqas, u dan jissuġġerixxi li s-suq tnaddaf. Skont l-Ungerija, il-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li huwa strument adatt u effettiv biex jikkumbatti Prattiki frodulenti fis-settur tal-aġenziji tal-impjegati temporanji.
- (7) Abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Ungerija, ġie introdott għadd sinifikanti ta' miżuri għall-ġielda kontra l-frodi tal-VAT, u miżuri oħra kontra l-frodi b'enfasi partikolari fuq l-aġenziji tal-impjegati temporanji huma pplanati mill-Ungerija. Minkejja dawn il-miżuri, l-Ungerija tqis li, sabiex tkompli titnaqqas il-ħsara li saret lis-settur, jenħtieġ li l-mekkaniżmu protettiv tar-reverse charge jkompli japplika.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 11.12.2006, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2349 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 16.12.2015, p. 53).

- (8) Għal għadd ta' sitwazzjonijiet li jinvolvu l-provvista tal-persunal, elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 199(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, diġà huwa possibbli li r-riċevitur ikun speċifikat bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Għalhekk, sabiex timpedixxi l-evaljoni tat-taxxa, jenħtieġ li l-Ungerija tkun awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti tal-persunal li mhumiex diġà koperti mid-Direttiva 2006/112/KE.
- (9) Id-deroga jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien u jenħtieġ għaldaqstant li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (10) Sabiex ikun żgurat li l-oġġettivi ta' din il-miżura jinkisbu, inkluż li tiġi żgurata l-applikazzjoni mingħajr interruzzjoni tad-deroga awtorizzata preċedentement u li jkun hemm ċertezza legali fil-perijodu tat-taxxa, huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2018. Billi l-Ungerija talbet it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni fis-26 ta' Ġunju 2017 u baqgħet tapplika r-reġim legali stabbilit fil-liġi nazzjonali tagħha abbażi tad-deroga awtorizzata preċedentement mill-1 ta' Jannar 2018, l-aspettativi leġittimi tal-persuni kkonċernati huma debitament rispettati.
- (11) Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Ungerija għandhom jeliminaw il-frodi fis-settur ikkonċernat u, għalhekk, ma tenħtieġ l-ebda deroga oħra mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-provvista tal-persunal.
- (12) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Ungerija hija awtorizzata li tistipula li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabli li jsirulha l-provvisti tal-persunal, li tkun involuta f'attivitajiet oħra għajr dawk koperti mill-punt (a) tal-Artikolu 199(1) tad-Direttiva 2006/112/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

R. PORODZANOV

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/487**tal-20 ta' Marzu 2018****li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Jannar 2018 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank (BĊE/2018/1) ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) L-Artikolu 37(1) tal-Att Federali Awstrijakk dwar l-Oesterreichische Nationalbank jistipula illi l-Laqgħa Ġenerali tal-Oesterreichische Nationalbank teleġġi awditur estern u awditur estern supplenti għal perijodu massimu ta' ħames snin. L-awditur estern supplenti jingħata l-mandat biss f'każ li l-awditur estern ma jkunx jista jwettaq il-verifika.
- (3) Il-mandat kemm tal-awditur estern attwali kif ukoll tal-awditur estern supplenti attwali tal-Oesterreichische Nationalbank intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2017. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatar awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2018.
- (4) L-Oesterreichische Nationalbank għażel lil Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. bħala l-awditur estern tiegħu u lil Deloitte Audit Wirtschaftsprüfungs GmbH bħala l-awditur estern supplenti għas-snin finanzjarji 2018 sal-2022.
- (5) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rakkomanda li Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. jinħatar bħala l-awditur estern tal-Oesterreichische Nationalbank u li Deloitte Audit Wirtschaftsprüfungs GmbH jinħatar bħala l-awditur estern supplenti tal-Oesterreichische Nationalbank għas-snin finanzjarji 2018 sal-2022.
- (6) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ⁽²⁾ tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(9) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"9. Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. huwa b'dan approvat bħala l-awditur estern tal-Oesterreichische Nationalbank għas-snin finanzjarji 2018 sal-2022.

Deloitte Audit Wirtschaftsprüfungs GmbH huwa b'dan approvat bħala l-awditur estern supplenti tal-Oesterreichische Nationalbank għas-snin finanzjarji 2018 sal-2022."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 37, 1.2.2018, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, il-20 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
E. ZAHARIEVA

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2018/488**tal-20 ta' Marzu 2018****li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Settembru 2015 u fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/1600 ⁽¹⁾ u (UE, Euratom) 2015/1790 ⁽²⁾ li jaħtu l-membri tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020. Nhar il-25 ta' Mejju 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/848 ⁽³⁾, is-Sur Mikkel DALSGAARD ġie sostitwit mis-Sur Klaus MATTHIESEN bħala membru.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Klaus MATTHIESEN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Thomas HOELGAARD, *International Secretary in the Confederation of Professionals (FTF) in Denmark*, huwa b'dan maħtur membru fil-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ZAHARIEVA

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1600 tat-18 ta' Settembru 2015 li taħtar il-membri tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 53).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1790 tal-1 ta' Ottubru 2015 li taħtar il-membri tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 23).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/848 tal-25 ta' Mejju 2016 li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Komitat tar-Regġuni (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 78).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/489**tal-21 ta' Marzu 2018****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/675 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija u mit-Tuneżija***(notifikata bid-dokument C(2018) 1604)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/496/KEE tistabbilixxi l-prinċipji tal-verifiki veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Id-Direttiva 97/78/KE tistabbilixxi l-prinċipji tal-verifiki veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Dawn iż-żewġ Direttivi jistipulaw ukoll il-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni jekk marda li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika timmanifesta ruħha jew tinfirex fit-territorju ta' pajjiż terz.
- (2) Wara n-notifika mill-Alġerija u mit-Tuneżija ta' tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'dawk il-pajjiżi, ġew adottati miżuri ta' protezzjoni fil-livell tal-Unjoni mid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675 ⁽³⁾ u (UE) 2017/887 ⁽⁴⁾.
- (3) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/675 tapplika sat-30 ta' April 2018.
- (4) Billi s-sitwazzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Alġerija u fit-Tuneżija għadha inċerta u billi l-Istati Membri jespportaw għadd sinifikanti ta' kunsinni ta' annimali bovini haġjin lil dawn il-pajjiżi, huwa xieraq li l-miżuri eżistenti jittawlu.
- (5) Jenħtieġ li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni japplikaw għal perjodu ta' żmien li jippermetti li ssir evalwazzjoni sħiħa tal-evoluzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fiż-żoni affettwati.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/675 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2019."

⁽¹⁾ ĠUL 268, 24.9.1991, p. 56.⁽²⁾ ĠUL 24, 30.1.1998, p. 9.⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675 tas-7 ta' April 2017 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija (UE) 2017/675 (ĠU L 97, 8.4.2017, p. 31).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/887 tat-22 ta' Mejju 2017 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mit-Tuneżija u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/675 (ĠU L 135, 24.5.2017, p. 25).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/490**tal-21 ta' Marzu 2018****li tħassar id-Deċiżjoni 2007/365/KE dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier)***(notifikata bid-dokument C(2018) 1607)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

- (1) Minkejja l-miżuri stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/365/KE ⁽²⁾ li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fi ħdan l-Unjoni ta' *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier), jidher minn s'tħarriġ annwali mwettaq mill-Istati Membri skont dik id-Deċiżjoni li l-organiżmu issa huwa mifrux f'ħafna partijiet miż-żona fil-periklu.
- (2) B'riżultat ta' dan, mhuwix fattibbli li wieħed jimpedixxi l-introduzzjoni u t-tixrid ulterjuri tiegħu fi ħdan il-parti l-kbira tat-territorju tal-Unjoni.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni 2007/365/KE.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-istess data bħal dik tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/484 ⁽³⁾ sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Ġħalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/365/KE tħassret.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Vytenis ANDRIUKAITIS

Membre tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.⁽²⁾ Li tħassar id-Deċiżjoni 2007/365/KE tal-25 ta' Mejju 2007, dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) (ĠU L 139, 31.5.2007, p. 24).⁽³⁾ Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/484 tal-21 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 93/49/KEE fir-rigward ta' rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-materjal ta' propagazzjoni ta' ċerti ġeneri jew speċi ta' *Palmae* fir-rigward tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) (ara l-paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/491**tal-21 ta' Marzu 2018****dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2018) 1634)***(It-testi bil-Franċiż, bl-Ingliż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) Nru 913/2010, il-ministeri responsabbli għat-trasport ferrovjarju fil-Belġju, fi Franza, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands u fir-Renju Unit bagħtu ittra ta' intenzjoni lill-Kummissjoni, li waslet fl-14 ta' Ġunju 2017. L-ittra ta' intenzjoni ġiet iffirmata wkoll mill-Iżvizzera, li diġà qiegħda tipparteċipa bħala pajjiż terz f'dan il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija abbażi tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 913/2010. L-ittra tinkludi proposta biex jiġi estiż il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran għal Ġinevra.
- (2) Il-Kummissjoni eżaminat il-proposta inkluża fl-ittra ta' intenzjoni skont l-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 u tqis li l-proposta hija konformi mal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament għar-raġunijiet stipulati hawn taħt.
- (3) Il-proposta tqis il-kriterji stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010. L-għadd totali ta' pajjiżi parteċipanti fil-kuritur jibqa' sitta, u ħamsa minnhom huma Stati Membri tal-Unjoni. L-allinjament ġenerali tal-kuritur mal-Kuritur tan-Netwerk Ewropew bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran jibqa' l-istess. L-estensjoni proposta hija konsistenti man-netwerk TEN-T u hija konformi mar-rekwiżiti tat-TEN-T li ġejjin: elettrifikazzjoni sħiħa tal-binarji tal-linja, mill-inqas 22,5 tunnellata ta' tagħbija fuq il-fus, veloċità tal-linja ta' 100 km fis-siegħa u l-possibbiltà li joperaw ferroviji b'tul ta' 740 metru.
- (4) L-istudju tas-suq tat-trasport inkluż fl-ittra ta' intenzjoni jindika li l-estensjoni hija mistennija twassal għal volumi addizzjonali ta' trasport ferrovjarju internazzjonali u toħloq bidla modali mit-triq għall-ferrovija billi tipprovdi rotta iqsar mill-portijiet marittimi Franċiżi tal-Baħar Mediterran u lejhom, għal prodotti u materja prima li jidhru l-Iżvizzera jew li joħorġu minnha, li twassal għal benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u l-konġestjoni fit-toroq.
- (5) L-estensjoni proposta hija konsistenti mal-għan li jitwaqqaf netwerk ferrovjarju Ewropew għall-merkanzija kompetittiva. L-estensjoni se tgħaqqad is-setturi ekonomiċi ewlenin miż-żona ta' Ġinevra mal-portijiet marittimi Ewropej importanti bħal Amsterdam, Antwerp, Dunkirk, Marsilja, Rotterdam u Zeebrugge, u għaldaqstant issaħħaħ l-interkonnessjoni tan-netwerk TEN-T mal-Iżvizzera, pajjiż terz ewlieni.
- (6) Il-manigġers tal-infrastruttura u l-applikanti kkonċernati ġew ikkonsultati dwar din l-estensjoni skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) Nru 913/2010.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proposta dwar l-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran lejn Ġinevra, inkluża fl-ittra ta' intenzjoni li waslet fl-14 ta' Ġunju 2017, mibgħuta b'mod konġunt lill-Kummissjoni mill-ministeri responsabbli għat-trasport ferrovjarju fil-Belġju, fi Franza, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, fir-Renju Unit u fl-Iżvizzera, hija konformi mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010.

⁽¹⁾ ĠUL 276, 20.10.2010, p. 22.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Franċiża, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Renju tan-Netherlands, lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/492**tat-22 ta' Marzu 2018****li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim Monetarju tas-27 ta' Marzu 2012 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8 tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Monetarju") jobbliga lir-Repubblika ta' San Marino biex timplimenta l-atti legali u r-regoli tal-Unjoni dwar karti tal-flus u muniti tal-euro, id-dritt bankarju u finanzjarju, il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-prevenzjoni tal-frodi u l-falsifikazzjoni tal-flus u ta' mezzi ta' ħlas mhux bi flus, medalji u tokens u rekwiżiti ta' rappurtar statistiku. Dawn l-atti u regoli huma elenkati fl-Anness tal-Ftehim Monetarju.
- (2) L-Anness tal-Ftehim Monetarju jrid jiġi emendat mill-Kummissjoni darba fis-sena jew aktar spiss jekk jitqies neċessarju biex jitqiesu l-atti ġuridiċi u r-regoli ġodda rilevanti tal-Unjoni u l-emendi f'dawk eżistenti,
- (3) Xi atti u r-regoli legali rilevanti ġodda tal-Unjoni u xi emendi għal atti ġuridiċi eżistenti ġew adottati u għandhom jiġu miżjuda mal-Anness,
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tal-Ftehim Monetarju jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

“ANNEX

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
	Prevenzjoni tal-ħasil tal-flus	
1	Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49)	l-1 ta' Ottubru 2014 ⁽¹⁾
2	Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15) Emendata minn:	fl-1 ta' Settembru 2013.
3	Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1)	
4	Id-Direttiva 2008/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 46)	
5	Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7)	
6	Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120) Issupplimentata minn:	
7	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI tas-17 ta' Ottubru 2000 li tikkonċerna l-arranġamenti għall-koperazzjoni bejn l-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni (ĠU L 271, 24.10.2000, p. 4)	fl-1 ta' Settembru 2013.
8	Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1)	
9	Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9)	
10	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti politikament u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29)	

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implementazzjoni
11	Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1)	
12	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraccjar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103)	
13	Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39)	l-1 ta' Novembru 2016 ⁽²⁾
14	Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1)	l-1 ta' Ottubru 2017 ⁽³⁾
15	Id-Direttiva 2015/849/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73) Issupplimentata minn:	l-1 ta' Ottubru 2017 ⁽³⁾
16	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi (ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1)	l-1 ta' Ottubru 2017 ⁽⁵⁾
	<i>Prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar</i>	
17	Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1)	fl-1 ta' Settembru 2013.
18	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6) Emendat minn:	fl-1 ta' Settembru 2013.
19	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1)	
20	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/887/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (ĠU L 329, 14.12.2001, p. 1)	fl-1 ta' Settembru 2013.
21	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/861/KE tat-8 ta' Diċembru 2003 li tikkonċerna l-analiżi u l-koperazzjoni fir-rigward ta' muniti foloz tal-euro (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 44)	fl-1 ta' Settembru 2013.
22	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1)	fl-1 ta' Settembru 2013.

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
23	Emendat minn: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5)	
24	Id-Direttiva 2014/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI (ĠU L 151, 21.5.2014, p. 1)	l-1 ta' Lulju 2016 ⁽²⁾
	Regoli dwar il-karti u l-muniti tal-euro	
25	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4)	fl-1 ta' Settembru 2013.
26	Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999 dwar is-sistema għall-immaniġġjar tal-kwalità għall-muniti tal-euro	fl-1 ta' Settembru 2013.
27	Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni 2001/C 318/03 tat-22 ta' Ottubru 2001 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tad-disinn tal-wiċċ komuni tal-muniti tal-euro (C(2001) 600 finali) (ĠU C 318, 13.11.2001, p. 3)	fl-1 ta' Settembru 2013.
28	Il-Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2003/5 tal-20 ta' Marzu 2003 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 78, 25.3.2003, p. 20) Emendata minn:	fl-1 ta' Settembru 2013.
29	Il-Linja gwida BĊE/2013/11 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' April 2013 li temenda l-Linja gwida BĊE/2003/5 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 43)	l-1 ta' Ottubru 2013 ⁽¹⁾
30	Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/23/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (C(2008) 8625) (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52)	fl-1 ta' Settembru 2013.
31	Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2010/14 tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1) Emendata minn:	fl-1 ta' Settembru 2013.
32	Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2012/19 tas-7 ta' Settembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/14 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (2012/507/UE) (ĠU L 253, 20.9.2012, p. 19)	l-1 ta' Ottubru 2013 ⁽¹⁾
33	Ir-Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 339, 22.12.2010, p. 1)	fl-1 ta' Settembru 2013.
34	Ir-Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro (ĠU L 316, 29.11.2011, p. 1)	l-1 ta' Ottubru 2014 ⁽¹⁾

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implementazzjoni
35	Ir-Regolament (UE) Nru 651/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 135)	l-1 ta' Ottubru 2013 (*)
36	Id-Deċiżjoni BĊE/2013/10 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' April 2013 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2013/10) (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 37)	l-1 ta' Ottubru 2013 (*)
37	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (Riformulazzjoni) (ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1)	fl-1 ta' Ottubru 2013.
	Leġiżlazzjoni Bankarja u Finanzjarja	
38	Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1) Emendata minn:	fl-1 ta' Settembru 2016.
39	Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 86/635/KEE fir-rigward tar-regoli ta' valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpanniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28)	
40	Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE, 86/635/KEE u 91/674/KEE fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċertu kumpanniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16)	
41	Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1)	
42	Id-Direttiva tal-Kunsill 89/117/KEE tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-obbligi ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom barra dak l-Istat Membru rigward il-pubblikazzjoni tad-dokumenti tal-kontijiet annwali (ĠU L 44, 16.2.1989, p. 40)	fl-1 ta' Settembru 2018.
43	Id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22)	fl-1 ta' Settembru 2018.
44	Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45) Emendata minn:	fl-1 ta' Settembru 2018.
45	Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37)	

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implementazzjoni
46	Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120)	
47	Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1)	
48	Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1)	fl-1 ta' Settembru 2018.
49	Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15) Emendata minn:	fl-1 ta' Settembru 2018.
50	Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190)	
51	Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43) Emendata minn:	fl-1 ta' Settembru 2018.
52	Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37)	
53	Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190)	
54	Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assicurazzjoni u ditti ta' investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1)	fl-1 ta' Settembru 2018.

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
	Emendata minn:	
55	Id-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE sabiex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9)	
56	Id-Direttiva 2008/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2002/87/KE dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investment f'konglomerat finanzjarju, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 40)	
57	Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120)	
58	Id-Direttiva 2011/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li temenda d-Direttivi 98/78/KE, 2002/87/KE, 2006/48/KE u 2009/138/KE fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari tal-entitajiet finanzjarji f'konglomerati finanzjarji, (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 113)	
59	Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338)	
	Issupplimentata minn:	
60	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2303 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-definizzjonijiet u jikkoordinaw is-superviżjoni supplimentari ta' konċentrazzjoni tar-riskju u tranżazzjonijiet intragrupp (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 34)	l-1 ta' Settembru 2018 (*)
61	Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1)	fl-1 ta' Settembru 2018.
	Emendata minn:	
62	Id-Direttiva Nru 2006/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60)	
63	Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1)	
64	Id-Direttiva 2008/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 33)	

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
65	<p>Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120)</p> <p>Issupplimentata minn:</p>	
66	<p>Ir-Regolament (KE) Nru 1287/2006 tal-Kummissjoni tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta'investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1)</p>	fl-1 ta' Settembru 2018.
67	<p>Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-reqwiziti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanjiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26)</p>	fl-1 ta' Settembru 2018.
68	<p>Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1)</p> <p>Emendata minn:</p>	fl-1 ta' Settembru 2016.
69	<p>Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97)</p>	
70	<p>Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338)</p>	l-1 ta' Settembru 2017 ⁽³⁾
71	<p>Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11)</p> <p>Emendat minn:</p>	fl-1 ta' Settembru 2018.
72	<p>Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22)</p>	l-1 ta' Settembru 2018 ⁽⁴⁾
73	<p>Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7)</p>	fl-1 ta' Settembru 2016.

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
	Emendata minn:	
74	Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).	l-1 ta' Settembru 2017 ⁽³⁾
75	Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35)	it-30 ta' Settembru 2018 ⁽⁴⁾
76	Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12) Emendat minn:	fl-1 ta' Settembru 2016.
77	Ir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 5)	
78	Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34)	
79	Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190)	l-1 ta' Settembru 2018 ⁽³⁾
80	Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35)	
81	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84) Emendat minn:	fl-1 ta' Settembru 2016.
82	Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Manigera ta' Fondi ta' Investment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1)	
83	Ir-Regolament (UE) Nru 258/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar għall-perijodu 2014-20 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE (ĠU L 105, 8.4.2014, p. 1)	

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
